*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 58*

***5.30p.m 23 ta' Marzu 2022***

### *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *58.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

58.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## *58.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

58.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 57. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

58.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lil dawk preżenti jekk għandomx mistoqsijiet.

## *58.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

58.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar meta ser issir ir-rampa fi Triq Isouard u dwar il-u-shaped bollard fi Triq Saura ma Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar ir-rampa l-Kunsill qed jistenna l-perit, filwaqt li dwar il-u-shaped bollard l-Kunsill ser jerġa jfakkar il-kuntrattur.

58.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar l-andament tal-laqgħa li saret bejn il-Kunsill u l-Marsa FC. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u dak li ġie diskuss primarjament huwa l-kollaborazjoni tal-Kunsill f'attivita' tar-Reġjun tan-Nofsinhar fejn propju f'Ottubru ser issir attivita' kulturali fil-ground ta' taħt il-Kunsill b'timijiet differenti. Is-Sindku xtaq ifakkar li din l-attivita' hija marbuta direttament mall-attivitajiet tar-Reġjun Kulturali tas-sena 2023 u li minnu l-Marsa tagħmel parti. Iktar dettalji dwar din l-attivita' ser ikunu qed jingħataw f'laqgħat oħrajn fil-futur.

58.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa lis-Sindku dwar permess ta' boundary wall li ser isir fil-Moll tal-Knisja u xtaq li jkun jaf l-intenzjoni ta' dan il-proġett, l-għoli tal-boundary wall. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hu jaf b'dawn l-applikazzjonijiet għaliex jiċċekja l-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

58.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk hemm xi updates dwar ir-riġenerazzjoni tal-Menqa għax s'issa mhux qed jara li hemm pjan ħolistiku fuq iż-żona. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li propju sena ilu kien hemm żvilupp importanti ħafna f'dak li jirrigwarda l-lokal plan. Dan hekk kif wara li kien hemm konsultazzjoni pubblika kien hemm direzzjoni biex iż-żona tinbidel min waħda li kienet marittima għal waħda turistika.

58.4.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li qed ikun hemm diversi toroq fil-Marsa li mhux qegħdin jinkinsu, fosthom fi Triq Fra Diegu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li filwaqt li jista' jkun li inqabzet triq, overall is-servizz mar ferm għall-aħjar u l-ilmenti naqsu sostanzjalment min meta beda' l-kuntrattur il-ġdid. Fil-fatt, is-Sindku spjega ukoll li huwa jirċievi bil-whatsup l-postijiet kollha li jiġu mnaddfa kuljum, u li jekk il-Kunsilliera jixtiequ jistgħu jiġu nklużi f'dan il-grupp tal-whatsup.

58.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li skond riċerka tal-aħħar kwart tas-sena 2022 fis-settur tal-propjeta' fil-Marsa kien hemm total ta' sitt permessi. Huwa jemmen li l-lokalita' tal-Marsa tista' tagħmel aħjar jekk ir-residenti ikun jagħfu l-faċilitajiet li toffri l-Housing. B'hekk il-Kunsillier qed jipproponi li l-Kunsill jagħmel kommunikat mall-Housing sabiex isiru laqgħat informattivi mar-residenti biex jinvestu fi propjeta' fil-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din il-proposta.

58.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer fakkar il-Kunsill biex isiru r-road humps fi Triq Zerafa kantuniera ma Triq Ssma. Trinita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-applikazzjoni lil Transport Malta nbgħatet, u kulma fadal huwa li nindikaw eżatt ma liema naħa tat-triq iridu jsiru r-road humps.

58.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa lis-Sindku jekk kellimniex il-kumpanija tal-BCRS biex il-magna ma tibqgħax tħares il-ġewwa minħabba li qed issir post ta' ħafna llegalitajiet. B'hekk il-magna tiġi dahra mall-ħajt u l-bankina ddur magħha. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumpanija ġiet mitkellma, u l-Kunsill ser ikun qed jagħmel follow-up tal-każ.

58.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li ċertu llegalitajiet qed jerġaw jiżdiedu ħdejn ir-residenti. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa stess kellem lis-Surġent dwar dan. Apparti hekk is-Sindku xtaq jserraħ moħħ kulħadd li s-Surġent qed jaħdem ħafna favur il-lokal.

# *58.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

58.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 03/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *58.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

58.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kumpanija Gaetano Promotions qed jistaqsu jekk hux possibli li ssir użu mis-sala tal-Kunsill sabiex isir photoshoot. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li l-Kunsill ikollu aktar dettalji dwar din it-talba. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li r-Reġjun Nofsinhar ippubblika ktieb bl-isem ta' 'l-Ġimgħa Mqaddsa – Wirt Komuni li Jgħaqqadna'. Dan il-ktieb fih ġabra t'informazzjoni dwar kultura, folklor, tradizzjonijiet Maltin marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-prezz tal-ktieb huwa ta' €10, u l-flus kollha ser imorru għall-Malta Community Chest Fund. Is-Sindku ssuġerixxa li jinxtraw disgħa kopji tal-ktieb, sebgħa għall-kull membru tal-Kunsill u tnejn biex jinżammu l-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumpanija TCTC ser iniedu proġett immirat għat-tfal waqt il-vaganzi tas-sajf. Il-proġett ikopri tagħlim prattiku fl-użu ta' diversi programmi għat-tfal bejn il-5 u 12-il sena. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa nterressat li joffri dan il-programm lit-tfal tal-Marsa. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group Maria Reġina għandhom bżonn cherry picker għal tlett darbiet sabiex ikunu jistgħu jarmaw u jżarmaw. L-ispiża għal dan iċ-cherry picker huwa ta' €210. Wara li ħadd min dawn preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l'dawk preżenti li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex itella' Lejla Maltija fit-30 ta' Mejju 2023 u li hija ppjanata li ssir fi Triq Balbi. L-għaqda qed titlob l-ammont ta' €1,300. Is-Sindku qal li huwa jħoss li f'dan l-istadju l-Kunsill m'għandhux fondi addizjonali min fejn jagħti dawn il-flus. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fl-imgħoddi kien ressaq suġġeriment li jixtieq jerġa jressaq. Huwa jixtieq li l-Kunsill jasal fi ftehim mall-għaqdiet fejn tingħata somma fis-sena u dawn it-talbiet jispiċċaw kollha. Is-Sindku qal li huwa tajjeb li nistudjaw din il-possibilita'. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Parroċċa tas-Ssma. Trinita' bħal kull sena ser toħroġ programm tal-festa li joħroġ fix-xahar ta' Mejju . Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam full page bil-kulur għall-prezz ta' €300. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.7 Skema t'attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024*

58.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema t'attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 fejn il-Kunsilli li japplikaw jistgħu jibbenefikaw mill-ammont ta' €20,000 f'għajnuna għall-attivitajiet kulturali. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa jista' japplika sew għall-attivitajiet marbuta mall-Milied u mall-attivita' tal-Karnival li jsiru ta' kull sena. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.8 Espressjoni t'Interess – Clean Up the World Campaign*

58.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jniedi skema fejn dawk il-Kunsilli li huma nteressati jagħmlu Clean up campaign, dawn jistgħu jibbenefikaw mill-ammont ta' €1,500. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa qabel il-pandemija kien jagħmel dawn il-Clean ups bħala parti mill-kalendarju ta' kull sena fi żmien Settembru. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace rrimarka li huwa ferm importanti li l-għaqdiet ikunu nvoluti f'din il-clean up campaign. Wara li ħadd aktar ma kellu mistoqsijiet fuq din it-tema, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.9 Re-evaluation ta' Traffic Management – Triq il-Kunċizzjoni, Karmnu u Saura;*

58.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill Lokali tal-Marsa fl-laqgħat preċedenti kkonkluda tibdil fid-direzzjoni tat-toroq tal-Kunċizzjoni, Karmnu u Saura, liema tibdil kien issuġġerit wara konsultazzjoni mar-residenti kif ukoll permezz tal-perit. Is-Sindku qal li wara dan it-tibdil Transport Malta tagħti tlett xhur biex ikun evalwat jekk it-tibdil li sar ħalliex l-impatt mixtieq. Is-Sindku ssuġġerixxa jekk ikunx hemm tibdil fi Triq Saura billi l-karozzi ma jitħallewx jidħlu min Triq il-Marsa, u kien hawn li qamet diskussjoni fost dawk preżenti. Ġie miftiehem li f'seduta oħra l-Kunsilliera jiġu b'suġġerimenti u tiġi diskussa aħjar. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.10 Tender – Addendum għaġ-ġbir tad-Demel fil-Korsa;*

58.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-dawk preżenti li f'diskusjonijiet li saru dawn l-aħħar mad-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard, kif ukoll ma membri tas-segretarjat tal-Ministru Owen Bonnici, kien hemm rieda soda biex jinstabu soluzjonijiet għall-krizi tad-demel li ġabu fuq il-Kunsill il-Wasteserv meta ħabta u sabta ddeċidew li l-iskart tad-demel ma jibqgħax jittieħed miż-żona tal-korsa fejn fost oħrajn kienu joperaw tlett skips kbar bla ħlas. Il-Kunsill attwalment għandhu tender, li jiġġeded kull sena sa massimu ta' tlett snin. Minħabba n-natura tat-tender, li fost affarijiet oħra jinkludi skart partikolari u li ftit huma l-kuntratturi lokali li joffru dan is-servizz , u minħabba li l-Kunsill dam ħafna l-qorti fuq dan it-tender ġie deċiż li ninvolvu l-kuntrattur fid-diskussjonijiet kollha relatati mall-ġbir tal-iskart. Huwa ressaq il-kwotazjonijiet tiegħu u l-Kunsill ser ikun qed iressaq talba formali ta' direct order li trid tgħaddi sew mid-dipartiment u finalment trid tgħaddi mill-approvazzjoni tal-Ministru stess. F'dan il-punt huwa importanti li ngħidu li dan il-kuntrattur kien dejjem l-orħos wieħed fost it-tnejn li kienu oriġinarjament kkwotaw fit-tender. Sadanittant, il-fondi addizjonali ser ikunu qegħdin jgħaddu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-Kunsill f'eventwalita' li din id-direct order tiġi aċċetta u liema flus ser ikun qed jagħmlu tajjeb sew għax-xiri ta' bin għal kull remissa li hemm fil-korsa li dawn jammontaw għall-251 remissa, kif ukoll għaż-żieda fil-ġbir tad-demel li qabel kien jiġabar b'xejn mill-Wastserv fit-tlett skips. Wara li ħadd ma kellu mistoqsijiet ulterjuri fuq il-materja mitkellma, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.11 Update – Deċiżjoni dwar Tender – Day Care Centre għall-Anzjani;*

58.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħati d-dettalji tal-andament tat-tender. Is-Segretarju spjega li l-Bord t'Evaluazjoni qabel li l-kumpanija Aretrop Ltd tkun magħżula biex tibda x-xogħol fuq id-day care centre, hekk kif il-kumpanija hija eleġġibbli u konformi ma dak li ġie mitlub. Il-prezz mitlub mill-kumpanija sabiex jitlesta l-proġett huwa ta' madwar €102,000 mingħajr VAT. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda, filwaqt li l-vot favur li jingħażel l-Aretrop Ltd kien wieħed unanimu.

58.11.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega ukoll li kif ġie spjegat f'laqgħat preċedenti l-prezz ta' dak li ġie kkwotat mat-tender u l-prezzijiet mitluba mill-kuntrattur żdiedu u qed jirriflettu ż-żieda li qed naraw fuq skala internazzjonali. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jitlob lill-operatur tal-Small Grant Scheme biex il-Kunsill jingħata żieda ta' €23,895 biex jagħmel tajjeb għal dawn iż-żidiet. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *58.12 Deċiżjoni – PA/01129/20 – fejn iċ-Ċimiterju tat-Torok;*

58.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm applikazjoni ħdejn iċ-Ċimiterju tat-Torok simili bħalma kien hemm fix-xhur li għaddew. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa fil-passat dejjem oppona kull zvillup li jkunx jaqbel mall-estetika ta' dan iċ-ċimiterju li ta' min ifakkar li huwa skedata bħala Grade1 (jiġifieri fl-ogħla grad) mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Min naħa tagħna bħala Kunsill rridu ninfurmaw l-Awtorita' min tibdil fl-indirizz tal-Kunsill Lokali hekk kif din it-tip ta' korrispondenza kienet qed tintbgħat fi Triq Balbi. Il-hearing tad-deċiżjoni ser ikun fit-30 ta' Marzu u s-Sindku jemmen li l-Kunsill għandhu jerġa jopponi dan l-iżvilupp. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda, filwaqt li l-vot favur din l-oġġezzjoni kien wieħed unanimu.

## *58.13 Laqgħa Pubblika online;*

58.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kif jafu l-Kunsilliera l-attendenza għall-laqgħa pubblika kienet waħda fqira, u jemmen li din għandha terġa tiġi skedata pero' tkun online. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, l-kunsilliera kienu tal-fehma li din il-laqgħa m'għandiex terġa ssir. Is-Sindku qal li min dejjem kienet ix-xewqa tiegħu li fil-futur per ezempju madwar Settembru ssir assembleja fejn kull rappreżentant tal-għaqdiet ikunu preżenti f'seminar ta' nofs ta' nhar bejn il-5.00 u s-7.00 ta' filgħaxija. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *58.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

58.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm u ġiet aġġornata għall-20 t'April fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |